

31996R1485

27.7.1996

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 188/28

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru. 1485/96**tas-26 ta' Lulju 1996**

li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 92/109/KEE, dwar dikjarazzjonijiet minn klijenti ta' użu speċifiku f'dak li għandu x'jaqsam ma' ċerti sustanzi użati fil-manifattura illeċita ta' drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/109/KEE ta' l-14 ta' Diċembru 1992 dwar il-manifattura u t-tqegħid fis-suq ta' ċerti sustanzi użati fil-manifattura illeċita ta' drogi narkotiċi u psikotropiċi ⁽¹⁾, kif emendata mid-Direttiva tal-Kommissjoni 93/46/KEE ⁽²⁾, u b'mod partikolari fil-punt 1 (b) ta' l-Artikolu 2 tiegħu,

Billi jeħtieġ li l-transazzjonijiet kollha li jwasslu għat-tqegħid fis-suq ta' sustanzi skedati kif imfissra fil-punt (a) ta' l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 92/109/KEE ikunu dokumentati sew; billi minbarra dan, dik id-dokumentazzjoni għandha tikkontjeni dikjarazzjoni mill-klijent li juri l-użu speċifiku tas-sustanza;

Billi l-ħolqien ta' disposizzjonijiet dwar dikjarazzjonijiet mill-klijent dan jgħin biex jiġi żgurat li, fl-okkażjoni ta' kull transazzjoni, l-użu li ser isir mill-klijent ta' sustanzi skedati ikun identifikat b'mod ċar; billi din l-identifikazzjoni ser tikkontribwixxi biex tkun evitata d-devjazzjoni ta' sustanzi skedati jiġu użati għall-manifattura ta' drogi illeċiti;

Billi, biex jittieħed kont ta' transazzjonijiet regolari bejn l-istess fornitur u l-klijent, għandu jkun possibbli għall-klijent li jipprovdi dikjarazzjoni waħda li tkopri t-transazzjonijiet kollha li jinvolvu sustanza ta' kategorija 2 fuq perjodu massimu ta' sena taħt ċerti kondizzjonijiet;

Billi d-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit taħt l-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 3677/90 ⁽³⁾, kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru. 3769/92 ⁽⁴⁾,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1**Dikjarazzjoni għal transazzjonijiet individwali**

1. Kull persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fil-Komunità li tforni klijent b'sustanza skedata fil-kategoriji 1 jew 2 ta' l-Anness I għad-

Direttiva 92/109/KEE u li hi obbligata li tiddokumenta kull transazzjoni individwali skond l-Artikolu 2 ta' l-imsemmija Direttiva, għandha, ħliet kif provdut fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament, tikseb minn dak il-klijent dikjarazzjoni li turi l-użu speċifiku tas-sustanza li ġiet fornuta lilha. Għandha tkun meħtieġa dikjarazzjoni separata għal kull sustanza skedata.

2. Id-dikjarazzjonijiet għandhom jikkontjenu l-informazzjoni indikata fl-eżempju mogħti fil-punt 1 ta' l-Anness għal dan ir-Regolament. Fil-każ ta' persuni ġuridiċi d-dikjarazzjonijiet għandhom ikunu magħmula fuq karta intestata.

Artikolu 2**Dikjarazzjoni għal transazzjonijiet multipli ta' sustanza tal-kategorija 2**

1. Kull persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fil-Komunità li regolarment tforni klijent b'sustanza skedata fil-kategorija 2 ta' l-Anness I għal Direttiva 92/109/KEE u li hi obbligata li tiddokumenta transazzjonijiet skond l-Artikolu 2 ta' l-imsemmija Direttiva, tista' taċċetta bħala alternattiva għad-dikjarazzjoni għal transazzjonijiet individwali, dikjarazzjoni waħdanija fir-rigward ta' numru ta' transazzjonijiet fuq perjodu massimu ta' sena dejjem jekk il-fornitur hu sodisfatt li l-kriterji li ġejjin kienu eżawriti:

- il-klijent hu dak li lilu tkun ġiet fornuta sustanza mill-inqas fi tlett okkażjonijiet fit-12-il xahar ta' qabel,
- il-fornitur ma għandu ebda raġuni li jissoponi li s-sustanza ser tkun użata għal skopijiet illeċiti,
- il-kwantitajiet ordnati huma konsistenti mal-konsum abitwali għal dak il-klijent.

2. Id-dikjarazzjonijiet għandhom jkun fihom l-informazzjoni indikata fl-eżempju mogħti fil-punt 2 ta' l-Anness għal dan ir-Regolament. Fil-każ ta' persuni ġuridiċi d-dikjarazzjonijiet għandhom isiru fuq karta intestata.

Artikolu 3**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

⁽¹⁾ ĠU L 370, tad-19.12.1992, p. 76.

⁽²⁾ ĠU L 159, ta' l-1.7.1993, p. 134.

⁽³⁾ ĠU L 357, ta' l-20.12.1990, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 383, tad-29.12.1992, p. 17.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-26 ta' Lulju 1996.

Għall-Kummissjoni

Martin BANGEMANN

Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

1. Eżempju ta' Dikjarazzjoni għal transazzjonijiet individwali tas-sustanzi fil-kategorija 1 jew 2

**DIKJARAZZJONI TAL-KONSUMATUR LI TURI L-UŻU(I) SPEĊIFIKU TAS-SUSTANZA FIL-KATEGORIJA 1 JEW 2
(TRANSAZZJONIJET INDIVIDWALI)**

Jiena/Aħna,

Isem

Indirizz

Nru ta' l-Awtorizzazzjoni/Liċenzja/Reġistrazzjoni ⁽¹⁾

Maħruġ fi (data) minn (isem u indirizz ta' l-awtorità)

ordnajt/ordjana minn:

Isem

Indirizz

is-sustanza li ġejja: (isem u kodiċi tan-NM) ⁽²⁾

(kwantità)

Is-sustanza għandha tiġi użata biss għal

Aħna nikkonfermaw li s-sustanza li għaliha saret referenza iktar l-fuq ser tiġi mibjugħa darb' oħra jew inkella fornuta lill-konsumatur biss bil-kondizzjoni li l-konsumatur jagħti dikjarazzjoni simili ta' użu jew, għas-sustanzi tal-kategorija 2, dikjarazzjoni relatata għat-transazzjonijiet multipli.

Firmat

Isem
(ittri kbar)

Pożizzjoni

Data

⁽¹⁾ Ħassar fejn japplika.⁽²⁾ Kodiċi tan-nomenklatura magħquda.

2. Eżempju ta' Dikjarazzjoni għal-ikter minn transizzjoni mahda F-kategorija 2.

DIKJARAZZJONI TAL-KONSUMATUR LI TURI L-UŻU(I) SPEĊIFIKU TA' SUSTANZA FIL-KATEĠORIJA 2
(TRANSAZZJONIJIET MULTIPLI)

Jiena/Aħna,

Isem

Indirizz

Nru ta' l-Awtorizzazzjoni/Liċenzja/Reġistrazzjoni

Maħruġ fi (data) minn (isem u indirizz ta' l-awtorità)

għandi/għandna l-intenzjoni li nordna/nordnaw minn:

Isem

Indirizz

Is-sustanza li ġejja: (isem u kodiċi NM) ⁽¹⁾

(kwantità)

Is-sustanza għandha tiġi użata biss għal u

tirrappreżenta provvista li skond l-aħjar l-estimi ser tkun biżżejjed għal xhur (12 il-xagħar l-iktar)

Nikkonfermaw li s-sustanza msemmija iktar l-fuq tiġi mibjugħa darb' oħra jew inkella fornuta lil kull konsumatur biss bil-kondizzjoni li l-konsumatur jagħti dikjarazzjoni simili ta' użu (individwali jew multipli).

Firmat

Isem

(ittri kbar)

Pożizzjoni

Data

⁽¹⁾ Kodiċi tan-nomenklatura magħquda.